MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 545/2002

**Victor Borg**

**vs**

**Nazju Zammit**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fit-13 ta' Settembru, 2002 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tmien mija u tnax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm3,812.85) rapprezentanti din is-somma diversi ordnijiet ta' xoghol ta' njam mahdumin mill-mittenti fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1869/02 u bl-imghax, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub mill-konvenut huwa eccessiv kif jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kaz.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni ta’ l-attur ta’ l-14 ta’ Ottubru, 2003 (fol. 32), fejn wara pagament akkont fil-mori tal-kawza rriduca t-talba ghall-ammont ta’ tlett elef, erba’ mija u tnax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm3,412.85).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minkejja li din il-kawza kienet differita diversi drabi sabiex jixhed il-konvenut, dan qatt ma deher sakemm fl-ahhar il-Qorti kellha tiddeciedi l-kawza minghajr il-konfort tax-xhieda tal-konvenut u toqghod biss fuq dik ta’ l-attur.

Victor Borg xehed illi huwa qieghed fuq ix-xoghol ta’ l-injam u l-konvenut ghamillu tlett ordnijiet, wahda wara l-ohra. L-ewwel ordni kienet ghal hmistax-il tieqa li saru, t-tnieni ordni kienet tikkoncerna l-bieb ta’ barra li sar ukoll u t-tielet ordni kienet tikkoncerna seba’ bibien rectangulari, wiehed solid, pero’ n’naha ta’ fuq fit-tond. Fuq l-ewwel zewg ordnijiet ma kienx hemm problemi, l-konvenut kien kuntent bix-xoghol u l-bibien twahhlu fil-post. L-ahhar ordni nhadmet, izda kien baqa’ biss li jinghata l-kulur. Il-konvenut mar ghand l-attur biex jaghzel il-kulur u dina kienet l-ahhar darba li l-attur rah b’ghajnejnh.

L-attur kellu diffikulta kbira sabiex jikkomunika mal-konvenut, izda meta ra’ li dawn id-diffikultajiet kienu qeghdin jizdiedu, mbaghad ikkomunika ma’ l-avukat tieghu.

L-attur xehed li ma kienx possibbli li jiddisponi minn din l-ordni peress illi l-bibien huma *made to measure*, id-dar hija antika u l-bibien huma baxxi, u mhux possibbli li jigu mqeghda f'dar moderna. Ghalhekk, baqghu ghand l-attur fil-garaxx.

Fil-kors tal-kawza l-konvenut esebixxa dokument li huwa mmarkat bhala Dok. CG1 fejn kien hemm ic-cifra ta' tlett elef u erba' mitt lira Maltin (Lm3,400) u l-kelma *settled*. L-attur nnega illi huwa kiteb dik il-kelma, ma kinitx il-kaligrafija tieghu u lanqas ma seta' jghid min kitibha. Izda nnega bl-aktar mod kategoriku li l-konvenut tah tlett elef u erba' mitt lira Maltin (Lm3400).

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' din ir-rizultantza, l-Qorti ssib li x-xhieda moghtija minn Victor Borg hija wahda veritiera. Din hija korroborata bid-dokumenti li eseboxxa l-istess attur fejn jidhru l-ordnijiet, l-amonti mifthema u korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li tista' toqghod fuq il-verzjoni moghtija mill-attur li timmerita konferma, ladarba ma gietx kontradetta mill-konvenut bin-nuqqas ta' provi tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallsu l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u tna-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm3,412.85) rapprezentanti bilanc fuq somma fuq diversi ordnijiet ta' xoghol ta' l-injam mahdum mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------